MALTA

# SMALL CLAIMS TRIBUNAL

## ADJUDICATOR DR. PETER BORG COSTANZI

Sitting of the 30 th April, 2004

Talba Number. 270/2004

**St George's Park Owners Association**

**Vs**

**Veronica Diacono**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Assocjazzjoni attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm364.50c (tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti kontribuzzjoni dovuta mill-konvenuta ghal 'maintenance services' u servizzi ohra li nghataw lilha matul is-sena 2003 in konnessjoni ma' l-appartament numru 6, Spinola, St George's Park, St Julians, proprjeta' tal-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Joseph Camilleri ghall-Assocjazzjoni attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-Assocjazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm364.50c (tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------